MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2011

Numru. 212/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Marco Debono**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra 'l hawn fuq imsemmi Marco Debono, bin Joseph u Maria nee' Carnemolla, imwieled fis-27 ta' Gunju, 1981 u residenti fil-fond Amethyst, Triq in-Neolitici, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 23381(G) li gie

Akkuzat talli nhar it-18 ta’ Frar 2011 ghal habta ta’ 05:30hrs fi Triq Neolitici, Rabat, Ghawdex;

1. bil-lejl kiser il-mistrieh ta’ Marvin Cauchi bi hsejjes jew ghajjat jew b’mod iehor;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

**Ikkunsidrat;**

ILLI l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti fuq ir-reat kontravvenzjonali ta’ ksur tal-mistrieh bil-lejl ta’ Marvin Cauchi nhar it-18 ta’ Frar 2011.

ILLI l-Prosekuzzjoni ressqet bhala provi l-affidavit ta’ PS 676 Edelon Spiteri li qal li dakinhar tat-18 ta’ Frar 2011 kien ircieva rapport minn Marvin Cauchi u martu li kienu sfaw imqajmin minn storbju kkawzat mill-gar taghhom l-imputat Marco Debono. Xehed Marvin Cauchi li qal li dakinhar tat-18 ta’ Frar 2011 fil-5.30am, meta l-gar tieghu l-imputat Marco Debono kien hiereg biz-ziemel tieghu, iz-ziemel beda jaghmel hsejjes bhal xi hadd miexi fuq takkuna. Marvin Cauchi qal li kien ghadu ma sebahx.

ILLI, in difeza, xehed l-imputat li qal li huwa hareg wara s-6.00am biz-ziemel tieghu. Ma jiftakarx id-data ezatt ta’ meta gara dan, jghid pero li kien qieghed jisbah. Ma jiftakarx il-hin li kien kellmu l-Pulizija.

ILLI rrizulta li hemm xi proceduri ohra bil-Qorti bejn Marvin Cauchi u l-imputat Marco Debono tant li saru xi tapiti mal-art fil-proprjeta’ tal-imputat sabiex jigu evitati hsejjes meta jkun miexi z-ziemel. Pero filwaqt li Cauchi jghid li dawn it-tapiti saru wara t-18 ta’ Frar 2011, l-imputat xehed li dawn saru madwar erba’ jew hames xhur ilu.

**Ikkunsidrat;**

ILLI l-Artikolu 338(m) tal-Kap 9 jiddisponi s-segwenti:

"Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min

(*m*) bil-lejl, jikser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor".

ILLI jirrizulta illi filwaqt li Marvin Cauchi ta d-dettalji kollha, inkluz il-hin, rigward dak li gara, l-imputat Marco Debono xehed a rigward episodju li ma jiftakarx ezatt meta gara. Dak li gara dakinhar tat-18 ta' Frar 2011 ma kienx episodju ta' darba tant li l-imputat Debono stess ghazel minn jeddu li jaghmel xi tapiti mal-art biex jevita l-hsejjes. Il-Qorti ma tistax tifhem kif l-imputat Marco Debono, fost diversi affarijiet, ftakar f'episodju li hu hareg biz-ziemel tieghu wara s-6.00am u sahanistra jghid li kien qed jisbah meta ma ftakarx id-data!!

ILLI filwaqt li l-verzjoni ta' Cauchi giet imsahha mill-affidavit ta' PS 676 Edelon Spiteri, il-verzjoni ta' Marco Debono ma giet imsahha bl-ebda mod.

**Ikkunsidrat;**

ILLI, inghad fid-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs. Victor Grech"** deciza fit-3 ta' Novembru 2005 (Onor. Imhallef J. Galea Debono):

"Illi mhux kull konflitt fil-provi necessarjament iwassal ghall-liberazzjoni".

ILLI fil-fehma ta' din il-Qorti, il-fatti rizultanti jaqghu pjenament taht id-dispozizzjoni kontravenzjonali tal-Artikolu 338(m) tal-Kodici Kriminali li tghid li hu hati ta' kontravenzjoni min: *"bil-lejl, jikser il-mistrieh tan-nies <u>bi hsejjes</u> jew ghajjat, jew b'mod iehor"*. Certament li jekk detentur ta' ziemel johrog biz-ziemel fil-hin tal-5.30am fi Frar, f'liema hin ma jkunx ghadu sebah, li, gialadarba f'xi hin jew iehor l-imputat hass il-htiega li jaghmel tapiti sabiex jevita li jinstemghu tali hsejjes, liema tapiti jirrizulta

li saru wara t-18 ta' Frar 2011, dan jaqa' taht il-kontravenzjoni msemmija.

ILLI jirrizulta li dan hu kaz ta' *nuisance.* Fid-decizjoni moghtija fis-16 ta' Dicembru 1946 fil-kawza fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs. Anthony Cuschieri et"**, il-Qorti sahqet illi:

"biex tigi ndotta responsabilità kriminali hemm bzonn li l-fatt ikun tali illi jikkostitwixxi *"nuisance"*, jigifieri, kif inghad fil-kawza "Walter vs. Selfe" (1851), citata fil-ktieb *"Words and Prases Judicially Defined"* by Burrows, Vol. III, page 524, *"substantial inconvenience and material discomfort"*. Ghalhekk hemm bzonn li l-inkonvenjent ikun "gravi" u "mhux facilment tollerabbili" (App. Civ. "Meli vs. Calleja", 5 ta' Frar 1908, Pres. Sir Joseph Carbone), u li dan l-inkonvenjent ikun "kontinwu u intens"".

**Ikkunsidrat;**

ILLI l-imputat gharaf li l-hsejjes li kien qed jaghmel iz-ziemel tieghu kien ta' inkonvenjent tant hu hekk li ghamel it-tapiti, li rrizulta li saru wara t-18 ta' Frar 2011.

ILLI l-kwerelant ghandu dritt ghall-kwiet bil-lejl go daru.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal ammenda ta' hamsin Euro (€ 50.00).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------